**MALTA**

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum 28 ta' Ottubru, 2015.**

**Rikors Nru.: 688/15MH**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1116/15MH mahrug fid-9 ta' Lujlu, 2015 fl-ismijiet**

**Avukat Dr. Michael Zammit Maempel nomine**

**vs**

**James Mifsud u Gordon Farrugia**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' James Mifsud u Gordon Farrugia datat 15 ta' Lulju, 2015, fejn giet sottomess:

*"Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jixtiequ jirrilevaw illi dan il-mandat ta' sekwestru nhareg fil-konfront tal-esponenti minghajr l-ebda gustifikazzjoni stante li l-esponenti m'humiex il-legittimi kontradditturi tas-sekwestrant noe u*

*m'ghandhom jaghtux xejn. Illi dana johrog car minn dak illi nizzel is-sekwestrant noe fil-kawzali tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju jigifieri "Danni kkagunati in segwitu tal-mewt ta' Quentin Michel fl-1 ta' Awissu 2011 fl-Iswieqi, fil-binja Coral Gables B, Triq Josef Kalleya, liema binja giet kostruwita minnkom."*

*Illi l-esponenti jichdu li huma personalment bnew il-binja in kwistjoni u l-kuntratt ta' appalt tal-bini tal-istess inghata lis-sekwestrata l-ohra "Buz-Dov Developments Ltd."(C25647) illi taghha l-esponenti huma diretturi, liema socjeta` wettqet tali inkarigu. Fil-fatt ghalkemm verament ittiehdu procedure penali fil-konfront tal-esponenti minhabba l-incident tragiku de quo, dawna ttiehdu fil-konfront tal-esponenti peress illi kienu d-diretturi tas-socjeta` sekwestrata u m'huwiex possibbli li jittiehdu passi penali kontra l-istess socjeta` sekwetrata. Dana ghal ragunijiet evidenti. Imma b'daqshekk ma jsegwix illi l-esponenti huma responsabbli civilment fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tal-istess socjeta` sekwestrata ghad-dejn tal-istess socjeta` sekwestrata.*

*Illi anke fir-rikors guramentat illi gie prezentat kontestwalment mal-mandat odjern, is-sekwestrant noe ddikjara bil-gurament tieghu fil-paragrafu 5 "Illi r-residenza in kwistjoni, inkluz dan il-hajt illi ceda kien gie kostruwit mill-intimati l-ohra Mifsud u Farrugia nomine u s-socjeta` tal-kostruzzjoni mmexxija minnhom Buz-Dov Developments Limited illi kienet giet ingaggata sabiex twettaq dawn ix-xogholijiet mill-intimati Attard;" Ghaldaqstant, is-sekwestrant noe rrikonoxxa hu wkoll li x-xoghol ta' kostruzzjoni fid-dar fejn sehh l-avveniment tragiku giet mibnija mis-sekwestrata l-ohra u l-esponenti personalment ma kienux involuti f'tali kostruzzjoni.*

*Illi ghaldaqstant huwa altament ingust illi l-esponenti jigu rinfaccati b'mandat ta' sekwestru f'ammont daqshekk ingenti meta huma m'humiex il-legittimi kontraditturi tas-sekwestrant noe ghax ix-xoghol twettaq mis-socjeta` sekwestrata u mhux mill-esponenti nomine.*

*Illi ghal kull buon fini, l-esponenti qed jiddikjaraw ukoll li barra l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern fil-konfront tal-esponenti u tas-socjeta` sekwestrata, is-sekwestrant noe talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1115/15 kontra Antoine u Marlene Attard, il-proprjetarji tal-fond fejn sehhet il-grajja tragika sabiex jinzammu milli jbieghu l-istess fond. Ghaldaqstant, m'huwiex il-kaz illi jekk jintlaqa' dan ir-rikors u jinhareg ir-relattiv kontro-mandat fir-rigward tal-esponenti, is-sekwestrant noe ma jkunx adegwatament kawtelat.*

*Inoltre, l-esponenti jirrilevaw illi dan il-mandat f'ammont daqshekk straordinarju gie mahrug minghajr ma s-sekwestrant nomine tahom l-ebda pre-avviz "fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju" kif jitlob tassattivament l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12. Ghaldaqstant, in vista ta' dan in-nuqqas, is-sekwestrant noe ghandu jigi kkundannat "sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li jkun inhareg l-att kawtelatorju."*

*Ghaldaqstant, l-esponenti bil-qima jitolbu li din l-Onorabble Qorti tirrevoka dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront taghhom tante li huma m'humiex personalment responsabbli ghall-akkadut u tohrog l-opportun kontro-mandat stante li fid-dawltas-suespoet, dan il-mandat ma messu qatt ma nhareg fil-konfront taghhom u m'huwiex ragjonevoli li jinzamm fis-sehh ghax m'huwiex gustifikabbli u tikkundanna lis-sekwestrant noe ghall-hlas ta' penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) li jmorru ghand l-esponenti peress li ma kienet saritilhom l-ebda talba ghall-hlas tal-ammont pretiz qabel ma nhareg dan il-mandat fit-terminu li titlob il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra s-sekwestrant noe."*

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' Lulju, 2015, fejn ir-rikorrenti ntalab jispecikfika taht liema paragrafu tal-artikolu 836 tal-Kap 12 kienet qed tigi invokata r-revoka.

Rat in-nota in adempjenza ta' dan datata 24 ta' Lulju, 2015 fejn gie hekk specifikat:

*"Nota ta' James Mifsud et illi permezz taghha in ottemporanza tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Lulju, 2015 qeghdin:*

*1. Fl-ewwel lok, jindikaw l-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 bhala l-provvedimenti tal-ligi li fuqhom qeghdin isejsu t-talba taghhom;*

*2. Fit-tieni lok, l-esponenti jiddikjaraw illi m'ghandhomx xi jzidu mar-rikors taghhom tal-15 ta' Lulju, 2015 hlief illi jixtiequ jiccaraw illi fejn fit-tieni pagna tieghu stqarrew:*

> *Illi ghaldaqstant huwa altament ingust illi l-esponenti jigu rinfaccati b'mandat ta' sekwestru f'ammont daqshekk ingenti meta huma m'humiex il-legittimi kontraditturi tas-sekwestrant noe ghax ix-xoghol twettaq mis-socjeta` sekwestrata u mhux mill-esponenti nomine.*

*ghandu fil-fatt jaqra:*

> *Illi ghaldaqstant huwa altament ingust illi l-esponenti jigu rinfaccati b'mandat ta' sekwestru f'ammont daqshekk ingenti meta huma m'humiex il-legittimi kontraditturi tas-sekwestrant noe ghax ix-xoghol twettaq mis-socjeta` sekwestrata u mhux mill-esponenti personalment.*

*Illi salv is-suespost, l-esponenti jistriehu fuq ir-rikors originali taghhom salv kwalunkwe sottomissjonijiet orali illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha titlob illi jsiru."*

Rat il-varji digrieti taghha fejn ordnat in-notifika lill-intimat, rat ukoll id-digriet taghha datat ta' 12 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti halliet is-smiegh tar-rikors ghat-trattazzjoni. Awtorizzat ukoll lill-intimat nomine li jippresenta r-risposta tieghu in vista ta' apparenti disgwid fin-notifiki.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Michael Zammit Maempel nomine li permezz taghha espona:

*1. ILLI preliminarjament l-esponenti jirrileva li pprezenta zewg ittri ufficjali fid-9 ta` Lulju 2013 u fit-28 ta` Mejju 2015 kontra s-sekwestrati James Mifsud (ID: 277377M), Gordon Farrugia (ID: 511877M) u Buz-Dov Developments Limited (C-25647), u kontra Antoine (ID: 253471M) U Marlene (ID: 357872M) konjugi Attard, permezz ta` liema talab lill-intimati jersqu ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta` danni, kemm damnum emergens u kif ukoll lucrum cessans, sofferti mill-mittenti in segwitu tal-incident illi sehh fl-1 ta` Awissu, 2011 fil-*

*fond Coral Gables B, Triq Josef Kalleya, Swieqi, meta tilef hajtu Quentin Antoine Marie Michel (Numru tal-Passaport Franciz: 08AK66169) wara li waqa` fuqu hajt fil-bitha/gnien tal-fond imsemmi.*

*L-esponenti jirrileva li dawn l-ittri ufficjali gew debitament notifikati lis-sekwestrati James Mifsud (ID: 277377M) u Gordon Farrugia (ID: 511877M) u Buz-Dov Developments Limited (C-25647) u kopji tar-riferti relattivi qieghdin jigu mehmuza ma' dina r-risposta bhala Dok. MZM.A sa Dok. MZM.B.*

*Ghandu jigi rilevat illi sal-lum, l-intimati baqghu ghal kollox inadempjenti, u ghalhekk l-esponenti kien kostrett illi jipprocedi b'rikors mahluf kontra l-intimati, u di piu` pprezenta l-mandat odjern sabiex jikkawtela d-drittijiet vantati minnu.*

*2. ILLI l-esponenti jirrileva ghall-attenzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti li fid-9 ta` Lulju, 2015 hu pprezenta rikors guramentat kontra s-sekwestrati James Mifsud (ID: 277377M), Gordon Farrugia (ID: 511877M) u Buz-Dov Developments Limited (C-25647), u kontra Antoine (ID: 253471M) u Marlene (ID: 357872M) konjugi Attard, fejn talab (1) dikjarazzjoni li l-intimati, jew min minnhom, jahtu unikament, jew solidament bejniethom, ghall-mewt tal-imsemmi Quentin Antoine Marie Michel, (2) likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti, u (3) kundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex ihallsu lir-rikorrenti kwalunkwe somma ta` danni hekk likwidata, oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet, ghar-ragunijiet dedotti f'dak l-istess rikors guramentat – illi kopja tieghu qieghed jigi mehmuz ma' dina r-risposta bhala Dok. MZM.C.*

*L-esponenti jirrileva li dan ir-rikors guramentat gie appuntat ghas-smigh quddiem dina l-Onorabbli Qorti presedjuta mill-Onor. Imhallef Lawrence Mintoff ghall-14 ta` Ottubru 2015 (Rik. Gur. Nru. 671/15 LM).*

*3. ILLI mir-rikors guramentat huwa evidenti li:*

*(i) L-hajt illi ceda gie kostruwit mis-sekwestrati li kienu ingaggati sabiex iwettqu dawn ix-xogholijiet mill-konjugi Attard;*

*(ii) Dan il-hajt ma kienx mibni skond is-sengha u l-arti, stante li hekk kif ikkonkluda l-Perit Richard Aquilina fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali konkluza wara l-incident in kwistjoni (kopja annessa mar-rikors guramentat u mmarkata*

*bhala Dok. MZM.3), dan ma "kellu l-ebda inkullmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta` wara" u ghalhekk "ma kellu xejn xi jzommu milli jinqaleb, kif fil-fatt gara", u kawza ta` hekk ceda ghal fuq Quentin Antoine Marie Michel u kkawza l-mewt tieghu;*
*(iii) Kwindi n-natura tad-danni reklamati mis-sekwestrant fil-konfront tas-sekwestrati hija wahda principalment ex delictu.*

*4. ILLI l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '***Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma et vs Emanuel Grixti***' fejn jinghad li "b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha." Kwindi l-involviment tas-sekwestrati Mifsud u Farrugia, qua diretturi tas-socjeta` sekwestrata, u l-obligazzjoni ta` l-istess illi jaccertaw li x-xogholijiet jitwettqu skond is-sengha u l-arti, m'ghandux jigi interpretat b'mod illi tigi eliminata r-relazzjoni guridika tal-esponenti mas-sekwestrati Mifsud u Farrugia. Fil-fatt, kif ben osservat da parti tas-sekwestrati Mifsud u Farrugia fir-rikors taghhom ghar-revoka tal-mandat ta` sekwestru odjern, il-proceduri kriminali ittiehdu kontra taghhom f'isimhom proprju, izda dan mhux biss ghal "ragunijiet evidenti" izda wkoll abbazi tar-responsabbilta` taghhom stess illi jaccertaw li x-xogholijiet jitwettqu skond is-sengha u l-arti.*

*Inoltre l-esponenti jirrileva li r-rikors guramentat surriferit gie pprezentat kontra Antoine (ID: 253471M) u Marlene (ID: 357872M) konjugi Attard, <u>James Mifsud (ID: 277377M) u Gordon Farrugia (ID: 511877M) f'isimhom proprju u f'isem is-soċjetà Buz-Dov Developments Limited (C-25647)</u>.*

*5. ILLI fil-fehma ta l-esponenti l-kawtela intavolata permezz tal-mandat ta` sekwestru odjern fis-somma ta` miljun Euro (€1,000,000) hija wahda gusta u bbazata fuq kalkoli ragjonevoli stante li jekk wiehed jikkonsidra l-eta` tal-vittma Quentin Antoine Marie Michel ta` tmintax -il (18) sena u paga annwali umli ta` hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000), japplika multiplier ta` erbghin (40) u persentagg ta` debilita` permanenti ta` mija fil-mija (100%), wiehed jasal ghas-*

*somma ta` miljun Euro (€1,000,000), u kwindi dan l-ammont mhuiex wiehed straordinarju, imma wiehed ibbazat fuq kalkoli ghal kollox realistici u konkreti.*

*6. ILLI madankollu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jsibx oggezzjoni li (1) s-sekwestrati jipprezentaw garanzija bankarja alternattiva f'ammont ragjonevoli u li jirrifletti sufficjentement l-ammont ta` danni sofferti mill-esponenti nomine in konsegwenza ta` l-incident in kwistjoni, u/jew li (2) tigi rregistrata ipoteka specjali fuq proprjetajiet tas-sekwestrati indipendentement valutati minn esperti nominati min dina l-Onorabbli Qorti f'ammonti li jirriflettu sufficcjentement l-ammont ta` danni sofferti mill-esponenti nomine in konsegwenza ta` l-incident in kwistjoni – u dan in kawtela tad-dritt tal-esponenti nomine ghal kumpens tad-danni kkagunati in segwitu tal-mewt ta` Quentin Antoine Marie Michel fl-1 ta` Awissu 2011 fis-Swieqi, fil-binja Coral Gables B, Triq Josef Kalleya, liema binja giet kostruwita mis-sekwestrati.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad fl-intier taghhom, it-talbiet tal-intimati, fejn talbu inter alia li l-Mandat ta' Sekwestru odjern jigi revokat u annullat, u minflok tikkonferma l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fl-intier tieghu, filwaqt illi tordna kwalunkwe provvediment iehor illi jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi – u dana bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess intimati."*

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet u rat id-dokumenti kollha lilha esebiti.

Ikkunsidrat

Illi preliminarjament ir-rikorrenti qeghdin jivvantaw l-eccezzjoni li huma mhux il-legittimu kontradituri stante li skondthom personalment ma bnewx il-binja li parti minnha (hajt) waqa' u kkagunat il-mewt ta' Quentin Michel. Insistew ir-rikorrenti li fil-fatt l-appalt ghal din il-binja in kwistjoni sar mis-socjeta` BUZ-DOV Developments, ukoll sekwestrati, li taghha r-rikorrenti kienu diretturi.

Sahhu li kien ghalhekk ingust li kienu rinfaccati b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju " *fl-ammont daqshekk ingenti*".

Insistew li s-sekwestranti kienu anke talbu u ottjenew mandat ta' inibizzjoni 1115/15 kontra l-konjugi Antoine u Marlene Attard, propjetarji tal-fond in kwistjoni fejn sehh l-incident, ghaldaqstant argumentaw li s-sekwestranti kienu debitament b'hekk ben ikkawtelati.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti qeghdin kif jirrizulta min-nota suriferita javvanzaw it-talba taghhom ghar-revoka ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Talbu wkoll l-impozizzjoni ta' penali ai terminu tal-artikolu 836(8)(b) tal-isemmi Kap.

Ikkunsidrat

L-artikolu 836(1)(d) u (f) jaqra hekk;

*(1) Minghajr ebda pregiudizzju ghal kul jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtwlatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(d) prima facie gustifikat jew ikun eccessiv*

*(f) ma jkunx ragonevoli li jinzammm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi jirrizutla car mill-qari tal-ligi suriferita u din hija interpretazzjoni moghtija mill-Qrati taghna li l-ezami li jinhtieg isir hawn huwa wiehed limitat sal-grad tal-prima facie. Dana bir-ragun siccome hawn jirrigwarda biss procedura preliminari li l-ezitu principali taghha jiddependi mill-kawza proprja ad hoc. Fil-fatt kif ben ammess mir-rikorrenti u rikjest ex lege, gja gie prezentat ir-rikors guramentat biex jindaga in funditus l-ilment hemm vantat u pretiz.

Illi fir-revoka in ezami nghatat l-eccezzjoni mir-rikorrenti li huma m'humiex il-legittimi kontraditturi, eccezzjoni li fiha nnifisha tolqot l-andament tal-procedura pendenti fir-rikors guramentat u ftit jew xejn jaghmel sens illi dina tigi deciza f'dan l-istadju meta fiha nnifisha titlob li tigi determinata bhala ecezzjoni fil-proceduri appoziti msemmija, anke minhabba l-fatt li huma f'dawn il-proceduri li se jinstemghu l-kollettivita` u maggoranza tal-provi opportuni li jistghu jiddeterminaw din il-vertenza.

Kif qalet il-Qorti fir-rikors numru 286/2001/RCP fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Anthony Gove et** deciza fl-10 ta' Mejju, 2001;

"*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk minn hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan independentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.*"

Il-lanjanza principali mressqa ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti hija li r-rikorrenti m'humiex il-legittimi kontraditturi u li l-mandat jew parti minnu m'ghadhux aktar bzonnjuz ghaliex is-sekwestranti jinsabu gja sufficjentement kawtelati b'mandat ta' inibizzjoni fuq il-proprjeta` fejn sar l-incident, proprjeta` tal-konjugi Attard.

Ikkunsidrat

Illi s-subincizi indikati mir-rikorrenti fit-talba tar-revoka jitolbu kif gja muri li r-rikorrenti juru a bazi ta' prima facie li l-ammont mitlub mhux gustifikat jew eccessiv u li l-att jew parti minnu mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh jew li mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Illi r-rikorrenti jsostnu li m'ghandhomx iwiegbu huma ghall-pretensonijiet tar-rikorrenti noe fir-rikors guramentat stante li ma kienux huma li ezegwew ebda bini skont l-appalt. Insistew li l-appalt kien a karigu tas-socjeta` konvenuta li taghha huma kienu diretturi, is-socjeta` BUZ-DOV Developements Ltd. Pero` l-fatt biss li ddikjaraw li kienet din is-socjeta` li wetqghet dan l-inkarigu ma jwassalx tassativament li jiskulpa lir-rikorrenti minn xi involvement. Dana dejjem ghax hawn nibqghu f'kamp ta' ezami preliminari bla ebda approfondiment ta' provi. Ghalhekk ma tistax tghid din il-Qorti li prima facie dan l-att kawtelatorju mhux wiehed gustifikat u wisq anqas li tista' tqisu eccessiv fl-ammont kawtelat, ghaliex id-danni pretizi ghad iridu jigu stabbiliti fil-kawza proprja ezaminando l-fatturi kollha bhal perezempju l-eta` tal-mejjet.

Lanqas ma tista' l-Qorti tqis li dan l-att kawtelatorju ma jsibx raguni ghala ghandu jinzamm fis-sehh in parte jew in toto, il-fatt li l-ammont huwa ikkawteklat b'mandat ta' inibizzjoni kontra l-konjugi Attard ma jezonerax lir-rikorrenti minn piz ta' esekuzzjoni ta' sentenza kontrihom jekk dan ikun l-ezitu.

Ghaldaqstant qed tigi michuda l-ewwel talba tar-revoka ai termini tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-kap 12.

It-tieni talba mressqa fir-rikors hija dik ta' imposizzjoni ta' penali ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12. Hawn il-ligi titkellem dwar fakulta` diskrezzjonali tal-Qorti li tikkundanna lis-sekwestrant ghal penali hemm stabbilita jekk jirrizulta wiehed minn dawk il-fatti mahsuba.

Ir-rikorrenti jsostnu t-talba taghhom taht il-paragrafu (b) li jaqra;

*"Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrenti li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas il-penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sitin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax il-centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-*

*persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:*

....

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju , l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jopprovdi sigurta' bizejjed.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat"*

Illi certament il-proviso suriferit jiskulpa din l-impossizjoni diskrezzjonarja ta' penali biss jekk tintwera raguni urgenti ghall-hrug tal-mandat. Il-Qorti harset fil-fond lejn il-mandat kawtelatorju u minn hemm jirrizulta li l-mewt sfortunata okkorriet fl-1 ta' Awwissu 2011 mentri l-mandat ntalab u gie akkordat fid-9 ta' Lulju, 2015.

Ftit tista' tintwera l-urgenza f'hekk jew xi raguni tajba ghalhekk.

Il-ligi titlob ukoll illi s-sekwestrant ikun b'xi mod talab lill-konvenut li jersaq biex ihallas id-dejn likwidat jew da likwidarsi.

L-interpretazzjoni li trid tinghata lil-ligi ghas-sejha ta' hlas ta' dejn likwidat jew garanzija fil-kaz ta' wiehed da likwidarsi, fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija ntiza biex is-sekwestrat ikun tqieghed f'posizzjoni li jirribatti l-istess sejha u jkun ukoll konsapevoli ta' kull procedua, anke wahda kawtelatorja li tista' tingieb kontra tieghu. M'ghandhux fil-fatt att kawtelatorju jigi mpost a sorpresa ta' pretensjoni inaspettata u bla ebda hjiel jew pre-avviz.

Il-Qorti gia ddikjarat illi hija ma tqisx li f'dan l-istadju l-mandat sotto attakk huwa wiehed vessatorju jew kapriccuz jew li mhux aktar bzonnjuz jew gustifikat, daqstant iehor hija tal-fehma li rinfaccati b'kawza kriminali, ex admissis fir-rikors in ezami, kienu ben konsapevoli ta' dak pretiz mir-rikorrenti. Kif jirrizulta l-ligi titkellem li s-sekwestrant ikun irid b'xi mod talab lill-konvenut jersaq ghall-hlas tad-dejn likwidat jew da likwidarsi, trid ghalhekk il-

ligi li *b'xi mod* il-konvenut ikun gie moghhti dak l-avviz tal-pretensjonijiet tal-attur. Ma taghtix hawn il-ligi definizzjoni cara u stringenti ta' kif ghandu jigi ezercitat dan il-pre-avviz, basta li jsir fit-terminu hemm preskritt. Kif gja rrizulta ghaddew snin mil-mewt sal-hrug tal-mandat attakkat, daqstant iehor jirrizulta li r-rikorrenti kienu ben konsapevoli ta' possibbilta` ta' danni fil-konfront taghhom ghax anke rrinfaccaw kawza kriminali. Oltre dana kollu in sodisfazzjon ta' dan ir-rekwisit taz-zmien huma ntavolaw zewg ittri ufficjali ghas-sejha tal-hlas ta' danni, damnum emergens u lucrum cessans, wahda fid-9 ta' Lulju, 2013 debitament notifikata fis-13 ta' Lulju, 2013 u ohra fit-28 ta' Mejju, 2015, notifikata fit-3 ta' Gunju, 2015. Il-mandat in ezami inhareg fid-9 ta' Lulju, 2015. Tqies ghalhekk li s-sejha ghall-hlas li trid il-ligi giet soddisfatta.

L-imposizzjoni tal-penali hija kif gja nghad imhollija f'idejn il-Gudikant li b'mod ghaqli ghandu jislet u jifhem u jikkalibra kull kaz fuq il-fatti lilu rizultanti, anke jekk skarsi kif f'dan il-kaz, pero` hawn si tratta ta' mewt kolpuza xejn anqas minn tragika. Verament il-Qorti ma tqisx xejn vessatorju u frivolu fil-pass kawtelatorju mehud.

Ghaldaqstant qed tigi michuda anke t-tieni talba.

Bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.

Imhallef

Frederick Stagno Navarra

Dep. Reg.